# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M.Grixti LL.M. LL.D

Appell Numru 197/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**Vs**

**Omar Hinde**

Seduta tas- 6 ta' Dicembru, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Omar Hinde detentur tal-karta tal-identita' b'numru 110920A quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli gewwa r-Rabat fit-28 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tat-20.30:

(1) Uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Kap 104 Artikolu 3(1));

(2) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan; (Kap 65 artikolu 15 (1)(a)(3));

(3) Naqas li jipproduċi polza ta' assigurazzjoni hekk kif ġie mitlub mill-Pulizija (Kap 104 8(1))

(4) Naqas li jipproduċi liċenzja tas-sewqan meta ġie mitlub jagħmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita' fi żmien stipulat mil-liġi (L.S. 65 18 Artikolu 77);

(5) Xjentement għamel użu minn dokument, dikjarazzjoni, jew ċertifikat falz meta ma kienx uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorita'; (Kap 9 Artikolu 186);

(6) Sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-24 t'April 2018 fl-ismijiet premessi li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €2400.00 pagabbli mitt Euro fix-xahar u jekk ma jsirx xi ħlas il-bilanċ ikun dovut minnufih u jekk jibqa' mhux imħallas ikun konvertibbli fi priġunerija u ghazlet li ma tissospendix il-licenzji kif mitlub mill-prosekuzzjoni;

Rat l-appell tal-imputat introdott fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2018 li fih l-appellant talab li n-nullita' tas-sentenza u b'mod alternattiv il-kancellament taghha bil-konsegwenti liberazzjoni tieghu minn kull htija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-abbli Avukat mill-ufficcju tal-Avukat Generali;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-aggravji tal-imputat huma elenkati f'rassenja qasira u qed ikunu hawn riprodotti ghal-ahjar intendiment:

i. Illi l-appellant ma ngħatax id-dritt f'dawn il-proceduri li jkun assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu u għaldaqstant is-sentenza moghtija hija wahda nulla u minghajr effett;
ii. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, l-appellant lanqas inghata l-opportunita' li jiddefendi ruħhu stante li l-Qorti għaddiet għas-sejbien ta' ħtija tiegħu u għall-eventwali kundanna;
iii. Illi ukoll mingħajr preġudizzju għal dan, iċ-ċitazzjoni hija waħda nulla għax mhix redatta bil-lingwa Maltija u l-indikazzjoni tal-post hija waħda wisq ġenerali. Fil-fatt fic-citazzjoni gie imnizzel bhala post 'Gewwa r-Rabat fil-Lokalita tar-Rabat'. Jekk huwa r-Rabat Malta jew inkella Ghawdex ma giex indikat;
iv. Illi *dato ma non concesso* li c-citazzjoni hija wahda legali, l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt tasal ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellant b'mod legali u ragonevoli stante li zgur mhux forsi tenut tac-cirkostanzi tal-kaz, l-appellant ma seta' qatt jinstab hati tat-3, 4, 5 u is-6 imputazzjoni u dan peress

li ma jikkonfigurawx fix-xiehda moghtija permezz ta' l-affidavit ta' PC 1608. Altrimenti l-appellant kellu polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-vettura misjuqa minnu. Polza ta' assikurazzjoni annessa u mmarkata bhala dok A;

v. Rigward it-tieni imputazzjoni ma giex ippruvat li l-appellant kien qieghed isuq minghajr licenzja tas-sewqan stante li r-rapport forensiku ma hux maghmul minn espert tal-Qorti u ghaldaqstant l-opinjoni espressa ghandha tigi skartata kompletament. F'din l-eventwalita' l-appellant wera licenzja tas-Sirja li f'Malta seta' juza ghal perjodu ta' sena"

2. Il-Qorti rat li l-partijiet qablu li tinghata sentenza preliminari dwar l-aggravji ta' indoli proċedurali u ghalhekk din is-sentenza ser titratta l-ewwel tlett aggravji;

3. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi meta l-imputat deher quddiem l-ewwel Qorti kien sprovvist minn avukat u l-Qorti ghamlet notament ta' dan u pprocediet bis-smiegh tal-kawza. Wara li ddepona xhud li huwa indikat bhala Director transport jew rapprezentant tieghu (haga din li mhix accettabbli ghaliex il-kwalifika tax-xhud ghandha tkun wahda cara), l-istess xhud ipprezenta dokument u anke hawn minghajr ma kien debitament mmarkat. Gara ukoll illi wara li ddepona dan ix-xhud il-Qorti hatret interpretu biex jaqleb mill-ilsien Malti ghal dak Gharbi u vice versa. Imbaghad il-prosekuzzjoni prezentat licenzja falza u rapport forensiku u inghatat sentenza;

4. Minn ezami ta' dan il-verbal jirrizultaw diversi nuqqasijiet li ma jistghux jghaddu inosservati. Appart l-fatt li l-imputat ma kienx assistit, haga din li ser tkun konsiderata fil-hin taghha, l-ewwel Qorti hatret interpretu wara li xehed ir-rapprezentant ta' Trasport Malta u mhux qabel. Jigi ghalhekk li l-imputat ma jafx x'qal dan ix-xhud. Il-prezentata ta' licenzja falza u rapport

forensiku b'mod li din il-Qorti tifhem li il-prosekutur *sic et simplicitur* ghadda dawn id-dokumenti lill-Magistrat decident minghajr ma kienu esebiti kif titlob il-ligi, igifieri li jersaq xhud u jipprezentahom bil-gurament, thalli lil din il-Qorti xi ftit jew wisq sbalordita;

5. Kwantu l-prosegwiment tal-kawza minghajr assistenza ta' avukat, għalkemm jista' jkun li l-appellant ma nsistiex li jkun rappreżentat, f'sitwazzjoni bħal din, tali nuqqas ta' insistenza kellha tirriżulta fil-verbal tas-seduta. U jekk dan ma jitniżżilx il-Qorti tal-Maġistrati jkollha tieqaf milli tkompli bis-smigħ qabel mal-imputat ikollu l-assistenza legali. Mill-verbal ma jirriżultax b'mod univoku li l-appellant irrinunzja li jkun rappreżentat. Dan il-punt iwassal għan-nullita' tas-sentenza.

6. Kwistjonijiet konsimili kienu trattati quddiem din il-Qorti diversi drabi u ghad illi kull kaz ghandu jkun deciz fuq il-mertu partikolari tieghu, il-posizzjoni kurrenti hi wahda cara u ma tistax tkun mod iehor. Meta persuna tidher il-Qorti minghajr ma tkun legalment assistita, il-Qorti trid tipprovdi ghad-difiza taghha bid-diversi modi miftuha lilha billi tiddiferixxi jew tipposponi s-smiegh tal-kawza, billi tappunta Avukat tal-Ghajnuna Legali ghaliha, billi tistaqsijha jekk tridx tkun rapprezentata u taccerta ruhha li l-persuna tkun fehemet l-implikazzjonijiet kollha dwar dan b'mod partikolari jekk tirrifjuta tali assistenza. Wara kollox, dan id-dritt huwa sancit fl-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali introdott bl-Att LI tal-2016 oltre li l-Qrati taghna gia kienu preventivament jilqghu ghall-dan in-nuqqas. Ara in rigward u per ezemplari s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Reuben Bonnici App 502/10 tat-23 ta' Frar, 2011**;

7. Il-Qorti tifhem il-pressjoni u volum ta' xoghol li jghaddi ta' kulljum minn idejn il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenzi varji taghha, izda fl-istess waqt trid tassigura li d-dritt tal-imputat ikun debitament mhares skond il-ligi.

8. Illi ghalhekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni li tilqa' l-ewwel aggravju u konsegwentement filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji l-ohra, anke dawk ta' natura procedurali, qed tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett u tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali sabiex terga tisma u tiddetermina l-kawza mill-gdid.